# L-Imġiba Tajba fl-Iskejjel

## Il-Politika Nazzjonali u l-Pjan ta'Azzjoni dwar l-Ibbuljar

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni

Novembru 1999

**© Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 2000**
fil-Furjana, Malta

Tel: 21231374/5; 21239965; 21232682
Fax: 21221634

e-mail: communications.moed@magnet.mt

ISBN: 99909-74-05-5

Kitba: Il-Kumitat Ministerjali għall-Imġiba Tajba fl-Iskejjel

Editjar: David Caruana u oħrajn

# Werrej


## DAĦLA

Daħla mill-Onor. Dr. Louis Galea Ministru ta' l-Edukazzjoni 5

## L-EWWEL TAQSIMA
## Il-Politika Nazzjonali dwar l-Ibbuljar

L-Ibbuljar bħala Problema ta' Kultura 8

It-Tiswir ta' Kuxjenza kontra l-Vjolenza 8

It-Tfal li Jbatu fis-Skiet 8

Il-Ħidma Kollettiva 9

Favur l-Imġiba Tajba fl-Iskejjel 9

L-Istħarriġ u l-Konsultazzjoni 10

X'Nifhmu bl-Ibbuljar 10

Kulħadd Għandu Sehmu x'jagħti 11

M'Hemmx Rimedji Faċli 11

Il-Ħidma tal-Prevenzjoni u ta' l-Azzjoni Pożittiva 11

Proċeduri fil-Konfront ta' Atti ta' Ibbuljar fl-Iskejjel 12

## IT-TIENI TAQSIMA
## Il-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Ibbuljar u Favur l-Imġiba Tajba fl-Iskejjel

Il-Programm ta' Ħidma tal-'Kumitat Ministerjali għall-Imġiba Tajba fl-Iskejjel' 16

Il-Programm tal-Prevenzjoni 17

Il-Proġett bi Prova 18

## IT-TIELET TAQSIMA
## Linji gwida u Proċeduri f'Każi ta' Ibbuljar

Il-Ħidma Kollettiva Favur l-Imġiba Tajba 20

Proċeduri dwar kif titratta Każi ta' Ibbuljar minn Adulti 22

Proċeduri dwar kif titratta Każi ta' Ibbuljar bejn it-Tfal 23

## IR-RABA' TAQSIMA
### It-Twettieq

L-Istruttura Ċentrali magħrufa bħala s-Servizz kontra l-Ibbuljar
(Anti-Bullying Services) ______ 26
Il-Proġett Pilota ______ 27

### Appendiċi

Il-Kumitat Ministerjali għall-Imġiba Tajba fl-Iskejjel ______ 31

# Daħla

Mill-Av. Louis Galea B.A., Ll.D., M.P.

Il-Ministru ta' L-Edukazzjoni

Għadna ngħixu f'soċjetà li fiha l-kalligrafija dekorattiva fuq it-trakkijiet fit-triqat tagħna tipproklama frażijiet bħal *"Let Me Pass!"* jew *"King of the Road"*! Biex ma nsemmux xi ġojjelli verbali oħra mid-dinja tal-maċo. Għadna ngħixu f'soċjetà b'numru ġmielu ta' nies importanti u mhux daqstant importanti li, fis-sakra għall-poter imnissel minn daqsxejn informazzjoni li jkollhom jew minn xi titlu speċjali, jidhrilhom li jistgħu jinfexxu f'dellierji ta' rabja, arroganza u kattiverja.

Uliedna jassorbu l-vibrazzjonijiet li jwasslulhom dawn il-mudelli. Veru li hemm bosta fatturi psikoloġiċi u soċjali li jinkoraġġixxu lil ċerti tfal, bniet u subien, biex isiru bulijiet jew vittmi. Dan hu suġġett li qed inebbah ħafna riċerka, anki f'Malta. L-effett qed jgħaddi messaġġ fundamentali: l-ibbuljar hu parti mill-ħajja; ma jistax ma jkunx hemm; allura jekk int vittma, issaporti u jekk int buli ħu pjaċir u iċċelebra.

Il-psikologi li jistudjaw dan il-fenomenu fost it-tfal żgħar, anki tfal ta' tmien snin, skoprew li jekk dawn it-tfal ma jitgħallmux kif jikkultivaw relazzjonijiet sani u jikkontrollaw il-frustrazzjoni, aktarx li se jispiċċaw fuq in-naħa tal-falliment soċjali u tal-kriminalità. Il-prezz iħallsuh il-vittmi u dawk li jħallsu t-taxxa. Dawn it-tipi ta' nies aktarx li meta jiżżewġu jibqgħu jabbużaw bis-sieħeb jew bis-sieħba u anki b'uliedhom. Bħala konsegwenza, uliedhom jieħdu l-istess atteġġjament u jsiru f'bulijiet huma wkoll. Ir-riċerkaturi jkomplu jinsistu li l-familji li fihom ma jkunx hemm l-imħabba u l-attenzjoni biżżejjed, ikollhom it-tendenza li jnisslu bulijiet aktar. Ta' min jgħid li t-tfal għandhom dritt sagrosant għall-familja u għal iskejjel li jagħtuhom l-attenzjoni u l-imħabba li tixirqilhom.

Daqshekk biżżejjed! Fi ħsiebna ngħidu daqshekk għall-irrispettabbiltà u għall-aċċettazzjoni ta' l-ibbuljar. Se ngħidu "daqshekk biżżejjed'' għal kull xorta ta' trattament abbużiv kontra l-istudenti fl-iskejjel. Aħna, l-edukaturi, l-istudenti, il-ġenituri u l-għalliema se nattakkaw. Mhux se nattakkaw lill-buli, imma lill-ibbulijar. Se nattakkaw l-aċċettazzjoni ta' l-ibbulijar fl-iskejjel u bnadi oħra. U se naraw li l-biża' u t-tbatija mnissla mill-ibbuljar jintemmu fl-iskejjel u f'kull istituzzjoni fejn jiltaqgħu, jgħixu jew jitgħallmu t-tfal.

Nemmen li l-prinċipji ta' l-imġiba tajba kif imfissra f'dan id-dokument jistgħu jiġu addottati kull fejn jiltaqgħu u jiġu mħarsa t-tfal, fosthom fl-għaqdiet, fil-familja, fil-postijiet tar-rikreazzjoni u d-divertiment kif ukoll fid-djar residenzjali għat-tfal.

Jekk jogħġobkom, għinu intom ukoll.

## L-Ewwel Taqsima

# Il-Politika Nazzjonali dwar l-Ibbuljar

# L-Ibbuljar bħala Problema ta' Kultura

F' dawn l-aħħar snin bdiet tissawwar kuxjenza dwar l-eżistenza u t-tbatija kbira kkawżata mill-vjolenza u l-moħqrija fil-forom diversi tagħhom: il-vjolenza u l-moħqrija fil-familja, fuq il-postijiet tax-xogħol, fil-festi popolari u f'sitwazzjonijiet soċjali oħra. Sfortunatament, fil-kultura popolari kemm lokali kif ukoll importata minn barra, bosta huma l-każijiet li fihom aktar ma tkun aggressiv, jew aktar ma twaqqa' lin-nies jew lil razez partikulari għaċ-ċajt, aktar titqies bħala adult kapaċi - u għaldaqstant aktar aċċettat soċjalment. Problema oħra hija d-drawwa, li tixref fit-taħdit komuni tagħna, fejn imħġiba jew persuna li tkun togħġobna ħafna, insejħulha "dik bulija" jew "buli int" bħala forma ta' tifħir. Dan juri li f'ċerti waqtiet il-kunċett tal-buli qed ifisser: ħaġa mixtieqa, azzjoni li jixirqilha tifħir, jew persuna b'kapaċitajiet superjuri.  U din hija problema.

# It-Tiswir ta' Kuxjenza kontra l-Vjolenza

Hija problema għax irridu ninsistu li l-ibbuljar, fil-forom kollha tiegħu u jsir minn min isir u kull fejn isir, m'huwiex aċċettat. F'kuntest aktar wiesa', mat-tisħiħ ta' kuxjenza kontra l-vjolenza domestika u l-moħqrija soċjali, bdiet issir riċerka dwar il-forom li jieħdu dawn l-atti inaċċettabbli, kif ukoll dwar l-effetti tagħhom fuq min iwettaqhom u min iġarrabhom. Bdew jitfasslu wkoll inizjattivi f'xi skejjel biex titrażżan il-problema ta' l-ibbuljar fl-ambjent fejn isir it-tagħlim.  Iżda dawn kienu inizjattivi iżolati, waqt li l-problema ta' l-ibbuljar fl-iskejjel kienet mifruxa, moħbija u kiefra.

# It-Tfal li Jbatu fis-Skiet

It-tiftix imwettaq fl-iskejjel lokali fis-Snin Disgħin, beda jaghti ħjiel fuq il-qagħda kiefra li kienu jinsabu fiha l-istudenti u l-iskejjel tagħna. Ir-riċerka uriet li l-ibbuljar huwa problema psiko-soċjali li tissawwar fl-iskejjel kollha u tolqot lil bniet u subien, minn tfal żgħar sa l-adulti, kull fejn isir tagħlim - minn

kindergardins ta' l-istat sal- kulleġġi privati prestiġjużi. Sar magħruf li numru għoli wisq ta' tfal kienu qed ibatu fis-skiet mill-persekuzzjoni kontinwa u fit-tul minn xi tfal oħra u kultant minn xi adulti wkoll. Il-passi kontra l-ibbuljar ibbażati fuq il-kunċett tal- kastigi biss ma kienx qed ikollhom effett ħlief li jaggravaw l-atti ta' l-ibbuljar li kienu qed jitwettqu.

# Il-Ħidma Kollettiva

Mat-tkattir tal-kuxjenza kontra l-ibbuljar fl-iskejjel, nibet l-għarfien li kull att ta' ibbuljar ma jinvolvix biss lill-aggressur/i iżda wkoll lill-vittma/i, u bosta drabi lill-istudenti oħra li jkunu l-udjenza u li sostni lill-bulijiet. Beda jinħass ukoll li l-problema ta' l-ibbuljar tant hi mifruxa li teħtieġ ħidma kollettiva kontra tagħha li tkun imwettqa fl-iskejjel kollha fuq medda ta' snin. Kien utli wkoll li jinġabru flimkien l-inizjattivi diversi li kienu qed jitwettqu kontra l-ibbuljar fl-iskejjel biex mill-esperjenzi miksuba, u mill-prattika mħaddma, nibnu politika nazzjonali kontra l-ibbuljar fl-iskejjel.

# Favur l-Imġiba Tajba fl-Iskejjel

Bil-parteċipazzjoni ta' kull min għandu interess li l-iskejjel jiffunzjonaw b'mod effettiv għall-ġid u l-ħarsien tat-tfal - il-Ministeru u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-ġenituri, l-għalliema, il-Kunsilli Skolastici, l-Università u l-SWDP - twaqqaf il-'Kumitat Ministerjali għall-Imġiba Tajba fl-Iskejjel' biex iseddaq l-imġiba pożittiva ħalli l-iskejjel ikunu meħlusa minn kull forma ta' ibbuljar. Filwaqt li dan il-Kumitat Ministerjali jfassal strutturi u proċeduri li jsaħħu l-imġiba tajba, il-messaġġ ċar tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, flimkien ma' l-għaqdiet, ma' għalliema u tal-ġenituri, huwa li **l-ibbuljar fl-iskejjel m'huwiex aċċettat**, u li **kulħadd għandu d-dmir jara li kull att ta' bbuljar jiġi irrappurtat minnufih biex tittieħed kull azzjoni meħtieġa b'riżq it-tfal**.

# L-Istħarriġ u l-Konsultazzjoni

Il-Kumitat Ministerjali analizza l-istħarriġ u l-konklużjonijiet fir-rapporti magħmula minn Dr Mark Borg[1], il-Kap tad-Dipartiment tal-Psikoloġija ta' l-Università ta' Malta, kif ukoll f' rapporti oħra barranin; u l-prattika tabjba mwettqa min diversi skejjel u minn diversi Dipartimenti tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (fosthom tal-Welfare, tal-Guidance and Counselling, u tal-PSE). Il-Kumitat kellu ukoll numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni ma' uffiċjali ta' Dipartimenti oħra tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (fosthom ta' l-*Operations*) u ddiskuta l-firxa tal-problema ta' l-ibbuljar fl-iskejjel u r-rimedji jistgħu jittieħdu.

# X'Nifhmu bl-Ibbuljar

Il-Kumitat Ministerjali jqis li l-azzjoni ta' l-ibbuljar tinkludi:

- kull tip ta' mġiba verbali jew fiżika li l-intenzjoni tagħha tkun li tweġġa', tintimida jew toffendi l-integrità u d-dinjità ta' persuna; azzjonijiet bħal għoti tal-laqmijiet, it-twaqqigħ għaċ-ċajt, it-tixrid tax-xnigħat, l-inkejja, it-theddid, it-teħid ta' l-affarijiet bil-forza, u l-vjolenza fiżika.

- kull forma ta' abbuż (emozzjonali, sesswali, fiżiku jew ta' xorta oħra) li titwettaq fl-iskola (jew matul l-attivitajiet organizzati mill-iskola jew mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, bħal: fuq it-trasport lejn l-iskola u mill-iskola, waqt il-ħarġiet edukattivi, eċċ.), kemm jekk isir minn student fuq student kif ukoll jekk ikunu mdaħħlin xi adulti.

Dan ikun ifisser li għandu jiġi ittrattat skond il-proċeduri mfassla minn dan il-Kumitat.

1

# Kulħadd Għandu  Sehmu  x'jagħti

Kull membru fil-komunità skolastika (l-istudenti, l-għalliema, il-ġenituri, l-istaff tat-tindif u l-amministrazzjoni) għandu sehem importanti  x'jagħti fil-ħidma kollettiva favur l-imġiba tajba fl-iskola. Għalhekk, fl-iskola kulħadd għandu: (a) juri b'mod ċar li l-ibbuljar m'hux aċċettat; (b) jirrapporta kull att ta' l-ibbuljar; u (ċ) iwettaq ir-rowl tiegħu/tagħha kif imfisser fil-proċeduri (It-Tielet Taqsima).

# M'Hemmx Rimedji Faċli

Konxju li r-riċetti faċli ma jeżistux, il-Kumitat Ministerjali jemmen li l-ħidma favur l-imġiba tajba, u kontra l-ibbuljar fl-iskejjel għandha tibda kmieni kemm jista' jkun, u tkun tkopri kemm prevenzjoni kif ukoll il-proċeduri ta' azzjoni pożittiva kull fejn jitwettaq l-ibbuljar fl-iskejjel.

# Il-Ħidma ta’ Prevenzjoni u ta’ l-Azzjoni Pożittiva

Għaldaqstant għandu uffiċjalment jinmgħata bidu:

a. għall programm ta' ħidma li jkun jinkludi tagħrif, taħriġ u ħidmiet biex tikber u tinfirex kultura ta' l-imġiba tajba;
b. għall-ħolqien, il-ko-ordinament u t-tisħiħ ta’ programmi ta’ prevenzjoni kif ukoll biex jonqsu l-atti ta' l-ibbuljar fl-iskejjel.

[1] Bullying in State Schools: A study of the incidence and nature of bullying among primary and secondary school pupils: a preliminary report (1998);  The emotional reactions of school bullies and their victims (1998); u The extent and nature of bullying among primary and secondary schoolchildren (1999).

# Proċeduri fil-Konfront ta' Atti ta' Ibbuljar fl-Iskejjel

1. Ir-responsabbilta' ġenerali tal-ħidma kontra l-ibbuljar hija tal-Kap ta' l-Iskola.

   a. F'każi fejn ikunu mdaħħla membri ta' l-istaff,[2] l-*Anti- 'Bullying Function* tibqa' responsabbilta' tal-Kap ta' l-Iskola biss. Fejn il-każ ta' l-ibbuljar kien allegat li sar minn adulti, il-Kap ta' l-Iskola jrid jirreferi minnufih lid-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni f' paġna 22.

   b. Minħabba li l-Kap ta' l-Iskola għandu wkoll ir-responsabbiltà tad-deċiżjoni finali fil-każijiet tad-dixxiplina, allura l-*Anti Bullying Function* (barra l-każijiet msemmija f'artiklu '1.a') għandha tkun f'idejn ħaddieħor, magħżula minn fost l-istaff* wara li toħroġ l-applikazzjoni għal ta' l-apposta u li tgawdi l-fiduċja kemm tal-Kap ta' l-iskola kif ukoll tat-tfal u ta' l-għalliema. Din il-persuna tissejjaħ l-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar (*"Anti- 'Bullying' Person"*).

   ċ. Kull każ ta' l-ibbuljar (barra l-każi msemmija f'artiklu '1.a') li jiġi rrapportat lill-awtoritajiet ta' l-iskola jsir responsabilta' ta' l-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar.

   d. L-*Anti- 'Bullying' Persons* jieħu kull każ f'idejhom u jimxu skond il-Metodu ta' Bla Tort (*"No Blame Approach"*) bil-proċeduri mfissra fit-Tielet Taqsima biex jitnaqqsu l-effetti/il-kawżi ta' l-ibbuljar.

   e. Fil-każi li l-membri ta' l-istaff* ta' l-iskola jkunu l-vittmi ta' l-ibbuljar mill-istudenti, il-każ ikun ir-responsabbiltà ta' l-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar.

**2.** Kull membru tal-komunità skolastika (l-istudenti, l-għalliema, il-ġenituri, l-istaff tat-tindif u l-amministrazzjoni) għandu sehem importanti x'jagħti fil-ħidma kollettiva favur l-imġiba tajba fl-iskola.

[2] Bil-kelma 'staff' nifhmu l-ħaddiema impjegati tal-post (*"full-time"*) fl-iskola jew li jkunu qegħdin jaħdmu temporanjament jew kuntrattwalment fl-iskola.

**3.** Il-vittmi, jew min jara l-każijiet ta' l-ibbuljar (barra l-każijiet msemmija f'artiklu '1.a'), kif ukoll il-ġenituri u l-għalliema, huma fid-dmir li jirrapportaw kull każ lill-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar, jew lill-persuna ta' fiduċja u li mbagħad għanda tirrapporta l-każ lill-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar.

**4.** Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet ta' l-iskola jiżguraw li kull każ ikun mistħarreġ minnufih, u li l-iskola tħaddem l-istrutturi u proċeduri (kif imfissra fil-Politika Nazzjonali) li jwieżnu lill-vittmi u fl-istess ħin jgħinu lill-bulijiet biex joħorġu mill-problema tagħhom.

**5.** L-Obbligi tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni:

a. li jalloka l-fondi meħtieġa biex jitwettqu l-istrutturi u l-proċeduri mfissra fil-Politika Nazzjonali; u

b. li joħloq l-istruttura ċentrali magħrufa bħala "Is-Servizzi kontra l-Ibbujar'' (*Anti- 'Bullying' Services*) - (Ir-Raba' Taqsima).

**6.** L-Obbligi tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni:

a. li taħtar Anti-Bullying Persons fl-iskejjel;

b. li tħarreġ in-nies u tiżgura l-professjonalità tas-servizzi mfissra fil-Politika Nazzjonali; u

ċ. li ssaħħaħ is-servizzi ta' *social work, counselling, guidance,* tagħlim tal-*P.S.D.,* u psikoloġija u li jagħtu s-servizz professjonali xieraq fil-każijiet kollha meta jkun meħtieġ.

**7.** L-*Anti- 'Bullying' Persons* għandhom iżommu fajl kunfidenzjali - li jkun jista' jarah biss il-Kap ta' l-Iskola - fejn jinżammu d-dettalji dwar il-każi ta' ibbuljar li jkunu rrappurtati. Dan il-fajl jinżamm aġġornat billi jitniżżlu fih dettalji kif jiġu ttrattati l-każi u r-riżultati miksuba. Iridu jingħataw id-dettalji għall-skopijiet ta' l-istatistika lill-*Anti-Bullying Services.*

**8.** L-*Anti-Bullying Services* għandhom iżommu lill-Uffiċjali kontra l-Ibbuljar aġġornati bl-iżviluppi fil-każi li jkunu rriferewlhom.

Il-Proċeduri imfasslin sabiex jitwettqu dawn il-prinċipji jinstabu fit-Tielet Taqsima.

# It-Tieni Taqsima

# Il-Pjan ta' Azzjoni *Kontra* l-Ibbuljar

## u *Favur* l-Imġiba Tajba fl-Iskejjel

# Il-Programm tal-Ħidma tal-Kumitat Ministerjali għall-Imġiba Tajba fl-Iskejjel

Il-Kumitat Ministerjali għall-Imġiba Tajba fl-Iskejjel jipproponi li:

1.1 Fis-sena skolastika 1999-2000 jinbeda programm ta' formazzjoni u informazzjoni li għandu jilħaq lill-istituzzjonijiet ta' tagħlim kollha kif ukoll lil kull min għandu interess li l-iskejjel ikunu l-postijiet fejn l-istudenti jiżviluppaw lilhom infushom b'mod sħiħ f'ambjent inklussiv ta' wens, ferħ u kreattività.

1.2 Dan il-programm ta' ħidma għandu jilħaq u jinvolvi b'mod attiv lill-ġenituri, l-għalliema, l-amministraturi, il-*policy-makers*, il-ħaddiema tat-tindif u l-manutenzjoni, il-professjonisti li jipprovdu servizzi anċillari jew peripatetiċi, l-istudenti universitarji u l-għalliema tagħhom, u l-għaqdiet u l-kunsilli li tagħhom jkunu membri.

1.3 L-għan aħħari ta' dan il-programm ikun li l-iskejjel jisseddqu bil-kapaċità li, b'modi professjonali, demokratiċi, parteċipattivi u effettivi, imexxu l-ħidmiet meħtieġa biex ikattru l-imġiba tajba u jnaqqsu l-ibbuljar fl-iskejjel għall-ġid ta' kull student/a.

1.4 Dan il-programm għandu jkopri kemm ħidmiet ta' prevenzjoni kif ukoll ta' rimedju skond il-proċeduri stabbiliti hawn taħt.

1.5 Meta titlesta l-ewwel fażi tal-proġett pilota u tkun qed tiffunzjona l-istruttura ċentrali għar-*referrals*, il-Kumitat Ministerjali jippreżenta Rapport Finali bħala tmiem il-ħidma tiegħu.

1.6 Il-ħidmiet kollha mwettqa mill-Kumitat Ministerjali u msensla f'din il-Politika Nazzjonali, eventwalment isiru r-responsabbilt□ ta' l-istruttura ċentrali tas-Servizzi kontra l-Ibbuljar (l-“Anti-‘Bullying’ Services’’).

# Il-Programm tal-Prevenzjoni

2.1 Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jaddotta il-Politika Nazzjonali dwar "L-Imġiba Tajba fl-Iskejjel" - fl-ewwel xahar effettiv tas-sena skolastika 1999- 2000.

2.2 Jitnieda programm ta' formazzjoni li jkun imseddaq bil-pubblikazzjoni, bit-tqassim u bl-użu ta' *multi-media kit* għall-għalliema tal-PSD, u l-għalliema oħra li jippreparaw lill-istudenti fl-attitudnijiet u l-ħiliet meħtieġa sabiex tissaħħaħ l-imġiba tajba u jitnaqqsu l-atti ta' bulijing fl-iskejjel. Dan għandu jitqassam fit-tieni xahar tas-sena skolastika 1999-2000. Publikazzjonijiet oħra li jsaħħu r-rwolijiet tal-membri tal-kommunita' skolastika fil-qafas ta' din il-Politka Nazzjonali għandhom jiġu ppubblikati fuq medda ta' żmien raġonevoli.

2.3 Titnieda kampanja ta' għarfien dwar il-Politika Nazzjonali li ssaħħaħ kultura ta' l-imġiba tajba kif ukoll tqajjem kuxjenza attiva kontra l-ibbuljar fl-iskejjel. Din tinbeda fit-tieni xahar tas-sena skolastika 1999- 2000, tuża mezzi varji ta' komunikazzjoni u tkun mifruxa fuq medda ta' żmien.

2.4 Jitnieda programm ta' taħriġ għall-għalliema, ġenituri u amministraturi. Dan isir permezz ta' laqgħat u *inservice courses* fuq livell nazzjonali mad-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti; kif ukoll permezz ta' laqgħat u diskussjonijiet bħala parti mill-programmi ta' l-iżvilupp ta' l-istaff (*staff development*) u ta' l-edukazzjoni tal-ġenituri fl-iskejjel. Dan jinbeda matul is-sena 1999-2000 u jitkompla fis-snin ta' wara.

2.5 Jingħata bidu għal programm ta' riċerka f'numru ta' skejjel biex tkun magħrufa aħjar l-inċidenza u n-natura ta' l-atti ta' l-ibbuljar u x'prattika qed issir, jew hi meħtieġa li titwettaq mill-iskejjel biex jonqsu l-atti ta' l-ibbuljar u jkunu megħjuna l-persuni imdaħħla f'dawk l-atti.

# Il-Proġett bi Prova

Jitnieda Proġett Pilota f'numru ta' skejjel biex jgħaqqad il-ħidmiet ta' prevenzjoni ma’ ħidmiet ta’ rimedji pożittivi skond il-proċeduri stabbiliti fil-Politika Nazzjonali dwar l-Imġiba Tajba fl-Iskejjel.

# It-Tielet Taqsima

# Linji Gwida u Proċeduri

## F' Każi ta' Ibbuljar

# Il-Ħidma kollettiva favur l-Imġiba Tajba:

## A. Sehem l-Istudenti

### Għall-Prevenzjoni

- Jirrispettaw id-dinjità u l-integrità ta' kull persuna.

### L-Azzjonijiet Konkreti

- Kemm jekk ikunu vittmi, u kemm jekk ma jkunux, jirrapportaw kull każ ta' l-ibbuljar li jiltaqgħu miegħu lil persuna tal-fiduċja.
- Ikunu mistennija li jikkollaboraw bis-sħiħ fit-trattament ta' każijiet ta' ibbuljar.

## B. Sehem l-Għalliema

### Il-Prevenzjoni

- Meta jiltaqgħu ma' l-istudenti jirrispettaw id-dinjità tagħhom bħala persuni.
- Jibnu relazzjonijiet ta' fiduċja ma' l-istudenti ħalli dawn, meta jkollhom bżonn l-għajnuna, jħossuhom kunfidenti li jistgħu jirrikorru għand l-għalliema tagħhom.
- Jieħdu kull opportunita biex jenfasiżżaw li d-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' kull persuna għandhom ikunu rrispettati.
- Ikunu dejjem b'seba' għajnejn għall-każijiet ta' l-ibbuljar li jistgħu jinqalgħu.

### L-Azzjonijiet Konkreti

- Jagħtu attenzjoni immedjata għal kull każ ta' l-ibbuljar li jinqala'.
- Jittrattaw kull każ bl-akbar kunfidenzjalità.
- Jinfurmaw lill-Uffiċjal Kontra l-Ibbuljar (Anti-Bullying Person) b'kull każ ta' l-ibbuljar fl-iskola.

# Ċ. Sehem il-Guidance Teachers u Counsellors

### Għall-Prevenzjoni

- Jibnu relazzjoni ta' fiduċja ma' l-istudenti sabiex, meta dawn jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet ta' ibbuljar, ma jiddejqux jiftħu qalbhom u jfittxu l-għajnuna.
- F'kull laqgħa li jkollhom ma' l-istudenti, mal-ġenituri u ma' l-istaff jisħqu fuq il-kunċett ta' l-iskola bħala l-komunità fejn d-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' l-istudenti għandhom jiġu mħarsa: għaldaqstant l-ibbuljar m'huwiex ittollerat.

### Azzjonijiet Konkreti

- Meta jidħlulhom jew isiru jafu b'inċidenti ta' l-ibbuljar, jinfurmaw b'kollox lill-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar u jikkoordinaw miegħu dwar il-proċess ta' l-għajnuna, il-*counselling*, u sapport li jkunu meħtieġa kemm mal-vittma kif ukoll mal-bulijiet.
- Meta jintalbu mill-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar fl-iskola, jaħdmu fuq il-każi li jgħaddilhom f'idejhom.
- Jinfurmaw lill-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar fl-iskola fuq kif ikun sejjer il-każ.

# D. Sehem il-Ġenituri

### Għall-Prevenzjoni

- Irawmu fil-familja l-kultura li tirrispetta d-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' kull persuna.

### Azzjonijiet Konkreti

- Meta wliedhom ikunu mdaħħlin f'każi ta' ibbuljar jew isiru jafu b'każi ta' ibbuljar, għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kap ta' l-Iskola.
- Jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom lill-iskola f'kull inizjattiva li tieħu biex tegħleb il-problema ta' l-ibbuljar.
- F'każ li wliedhom ikunu l-bulijiet jew il-vittmi ta' l-ibbuljar, jinfurmaw ruħhom kif jgħinuhom biex jegħlbu l-problema. Fejn jiltaqgħu ma' xi

diffikulta' għandhom ifittxu l-għajnuna ta' l-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar jew ta' nies speċjalizżati f'dan il-qasam.

# E. Sehem il-Membri ta' l-Istaff mhux Akkademiku

### Għall-Prevenzjoni

- Ikunu ta' eżempju tajjeb fi kliemhom u f'għemilhom.

### Azzjonijiet Konkreti

- **Jekk jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' xi każijiet ta' l-ibbuljar jew isiru jafu bihom jirrapportawhom minnufih lill-Kap ta' l-Iskola.**

# Proċeduri dwar kif Titratta Każi ta' Ibbuljar minn Adulti.

1 Il-Kap ta' l-Iskola minnufih jagħmel rapport kunfidenzjali lid-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni.

2 Id-Direttur Ġenerali, mingħajr telf ta' żmien bla bżonn, iqabbad lit-Taqsima Ħarsien tat-Tfal (iċ-*Child Protective Services Unit* - CPSU) fi ħdan l-aġenzija *Social Welfare Development Programme (*SWDP) biex tinvestiga l-każ.

3 Ir-riżultat ta' l-investigazzjoni jingħata lid-Direttur Ġenerali:

(a) l-informazzjoni mhux kunfidenzjali li sservi biss għall-iskopijiet ta' ġbir ta' istatistika tingħata lis-Servizzi Kontra l-Ibbular*;*

(b) fil-każi fejn jinstab li l-allegazzjonijiet kienu infondati, d-Diviżjoni teqred kull informazzjoni u kitbiet kunfidenzjali li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

(ċ) f'każi fejn l-allegazzjonijiet jinstab li kienu fondati, d-Direttur Ġenerali għandu jipproċedi skond l-*Estacode;* u

(d) għandha tingħata ġabra fil-qosor tar-riżultati li ħarġu mill-investigazzjoni lill-Kap ta' l-Iskola.

# Proċeduri dwar kif Ttrattata Każi ta' l-Ibbuljar bejn Tfal

# L-Istadji differenti

### L-Ewwel Stadju - Il-Każi Mhux Serji

L-interventi jsiru fl-iskola mill-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar u jitfasslu fuq il-Metodu ta' bla Tort (in-*No Blame Approach*) ara aktar il-quddiem. Dan il-metodu jintuża fil-każi kollha ta' l-ibbuljar. F'każi mhux serji dan il-proċess jieħu ftit ħin biss. F'każi aktar serji l-proċess jitwal fuq il-medda taż-żmien skond il-bżonn.

### It-Tieni stadju - Il-Każi Aktar Serji

Proċeduri għall-intervent addizzjonali mill-Uffiċjali Kontra l-Ibbuljar skond il-Metodu ta' bla Tort:

- Jieħdu passi addizzjonali, jekk ikunu il-każ, biex jgħinu lill-vittma u jgħinu lill-bulijiet billi jkompli l-proċess tal-Metodu ta' bla Tort. Huma jiltaqgħu ma' l-individwi mdaħħlin fil-każ, anki l-vittma, sabiex:
    i. ikun assigurat li l-vittmi mhumiex qed jiltaqgħu ma' aktar problemi.
    ii. iqawwu l-moral tal-vittmi billi jgħinuhom irabbu l-kunfidenza fihom infushom u jfittxu ħbieb ġodda.
    iii. iħeġġu s-sens ta' solidarjetà bl-appoġġ ta' studenti oħra.
    iv. il-bulijiet itejbu l-imġiba tagħhom.

### It-Tielet stadju - Il-Każi Ferm Aktar Serji

Il-proċeduri addizzjonali għal interventi mill-Uffiċjal kontra l-Ibbuljar skond il-Metodu ta' bla Tort:

v. Il-każi l-aktar serji jkunu jeħtieġu l-ħidmiet mal-vittmi kif ukoll mal-bulijiet, u, f'ċerti każi, mal-familji u l-klassijiet tagħhom.

vi. Dawn il-każijiet iridu jgħaddu għand l-istruttura ċentrali tas-Servizzi kontra l-Ibbuljar (*Anti-Bullying Services*) sabiex jintervjenu s-servizzi tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u, jekk ikun il-każ, anke ta' l-aġenziji speċjalizzati (bħal l-SWDP) sabiex

tingħata terapija ħolistika. Jekk ikun hemm problemi psikoloġiċi jiddaħħal l-i*School Psychologist* u, fejn ikun il-każ, anke aġenziji oħra bħaċ-*Child Guidance Clinic* tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

# Każi li jinħtieġu Azzjoni Dixxiplinarja

L-Uffiċjali kontra l-Ibbuljar (Anti Bullying Persons) jgħaddu kull każ li jeħtieġ l-azzjonijiet dixxiplinarji lill-amministrazzjoni ta' l-iskola.

## X'inhu l-Metodu ta' bla Tort (No Blame Approach)

Dan huwa intervent effettiv li:

a) jgħin lill-vittmi biex jirriflettu u jesprimu x'ikunu ħassew;
b) iqawwi l-moral tal-vittmi;
c) ilaqqa' l-bulijiet u lill-oħrajn li jkunu raw l-inċident (mhux fil-preżenza tal-vittma);
d) jgħin lil dan il-grupp biex jifhem u jħoss dak li ħasset il-vittma;
e) ifiehem lill-grupp li għandu responsabbiltà li jgħinu lill-vittma;
f) lill-membri tal-grupp jgħabbihom bir-responsabbiltà li jgħinu lill-vittma;
g) wara li tgħaddi ġimgħa jew perjodu aktar xieraq, il-membri tal-grupp jerġgħu jiltaqgħu flimkien biex jiddiskutu l-progress li jkun sar.

# Ir-Raba' Taqsima

# It-Twettiq

# L-Istruttura Ċentrali magħrufa bħala s-Servizzi kontra l-Ibbuljar (*Anti-Bullying' Services*)

## Funzjonijiet

Għandha titwaqqaf struttura ċentrali magħrufa bħala s-Servizzi kontra l-Ibbuljar (*Anti- Bullying Services*) biex taqdi dawn il-funzjonijiet:

a. Tiġbor u tanalizza l-informazzjoni, kif ukoll toħloq ir-rapporti mit-tagħrif miksub għall-iskopijiet ta' statistika mingħand l-Uffiċjali kontra l-Ibbuljar.
b. Tirrapporta lill-Kumitat Ministerjali dwar ir-rimedji għall-problemi li jinqalgħu minn żmien għall-ieħor fil-proċeduri li jintużaw biex ikunu ttrattati l-każijiet ta' l-ibbuljar.
ċ. Isservi bħala punt ta' riferiment għall-informazzjoni u l-proċeduri dwar it-trattament tal-każi ta' l-ibbuljar.
d. Tidentifika l-ħtiġijiet ta' taħriġ, torganizza korsijiet ta' formazzjoni u ta' informazzjoni, kif ukoll tipproduċi pubblikazzjonijiet jew materjal informattiv dwar l-aspetti differenti tal-problema ta' l-ibbuljar u t-tiswir ta' l-imġiba tajba fl-iskejjel.
e. Tieħu ħsieb it-tmexxija ordinarja tal-Proġett Pilota.
f. Toħloq modi ta' kollaborazzjoni ma' aġenziji, dipartimenti u taqsimiet oħra biex jissaħħu l-proċeduri tat-trattament tal-każi ta' l-ibbuljar fl-iskejjel.

## Il-Bixra Organizzattiva

Biex iwettqu il-ħidma bikrija tagħha, is-Servizzi kontra l-ibbuljar tkun teħtieġ is-servizzi ta' żewg uffiċjali *full-time* professjonalment ikkwalifikati f'dawn:

- kapaċita ta' *problem-solving*;
- il-ħila li jiżviluppaw relazzjonijiet umani u modi ta' ko-operazzjoni professjonali effettivi;
- il-ħila li jiktbu rapporti analitiċi;
- il-ħila fid-data management; u
- il-ħila li jorganizza u jmexxi.

Il-programm tal-ħidma jsir b'koordinament mad-Direttur, Servizzi għall-Istudenti, fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

# Il-Proġett Pilota

## Twaqqif ta' Strutturi u Proċeduri

Dan il-proġett jibda jseħħ wara li jkunu ġew approvati u twaqqfu l-istrutturi u l-proċeduri meħtieġa.

## Il-Viżjoni

Il-viżjoni ta' dan il-proġett tkun li l-ġenituri u l-iskejjel ikunu msieħba biex tissaħħaħ l-imġiba tajba.

## L-Għanijiet tal-Proġett Pilota:

1. Li jingħata l-messaġġ ċar li l-ibbuljar m'hux ittollerat fl-iskejjel tagħna.
2. Li r-relazzjonijiet fl-iskola jkunu mibnija fuq il-valur u d-dinjità ta' kull bniedem, ir-rispett reċiproku u sens ta' responsabbiltà.
3. Li d-dixxiplina fl-iskejjel tkun imsejsa fuq ir-rispett reċiproku.
4. Li l-istudenti jkunu meħlusa minn kull forma ta' ffastidjar (*harassment*) jew tbarrija soċjali (*social exclusion*).
5. Li kulħadd, b'mod speċjali l-istudent, iħoss li jista' jirrapporta l-każijiet ta' l-ibbuljar mingħajr ma jkun ivvittimizzat jew imwarrab.
6. Li kull rapport ikun ittrattat skond il-proċedura magħrufa u stabbilita.
7. Li jingħata s-servizz professjonali u effettiv skond il-bżonn.
8. Li jservi ta' gwida għat-twettiq tal-*policies* kif ukoll għall-ħolqien tal- ħidmiet ġodda ħalli jonqos jew jispiċċa l-ibbuljar fl-iskejjel.
9. Li jinkoraġġixxi lill-iskola biex tiżgura li l-ambjent tagħha jkun imsawwar u attrezzat ħalli tisseddaq l-imġiba tajba.
10. Li jsaħħaħ l-iżvilupp tal-kultura ta' wens b' mod partikolari għal dawk l-istudenti li jkollhom bżonnijiet speċjali u/jew li jkunu f'riskju li jsiru vittmi ta' l-ibbuljar.

# Studju Analitiku

Id-Dipartiment tal-Psikoloġija fl-Università jwettaq studju analitiku fuq medda ta' sena skolastika biex jevalwa kemm kien effettiv il-Proġett Pilota. Dan l-istudju jfittex it-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet:

1. Kien hemm xi tibdil fl-għarfien tal-problema ta' l-ibbuljar fost it-tfal, il-ġenituri, l-għalliema, l-amministraturi u l-ħaddiema tat-tindif?
2. Kien hemm xi tibdil fl-attitudnijiet ta' l-istudenti u l-għalliema lejn l-ibbuljar?
3. Kien hemm xi tibdil fl-inċidenza tal-każi serji jew okkażjonali ta' l-ibbuljar f 'dawn l-iskejjel?
4. Kien hemm xi tibdil fit-tipi ta' l-ibbuljar li twettqu?
5. Kien hemm xi tibdil fil-forom ta' l-appoġġ għall-vittmi? Il-vittmi fittxew l-għajnuna ta' adulti magħżula? L-appoġġ mill-*peer grupp* żdied? L-għalliema u l-amministraturi huma impenjati aktar fil-ħidma kontra l-ibbuljar?
6. Kien hemm xi tibdil sinifikanti fl-etos ta' l-iskola minħabba l-Proġett Pilota kontra l-ibbuljar?

**Dan l-istudju analitiku għandu jkun imqassam f'ħames fażijiet:**

FAŻI 1: Ottubru - Novembru 1999: Ir-reklutaġġ u taħriġ ta' l-assistenti għar-riċerka (ir- *"research assistants"*); l-amministrazzjoni tal-kwestjonarji u l-iskedi ta' l-intervisti;

FAŻI 2: Diċembru 1999 - Jannar 2000: l-analiżi tat-tagħrif miġbur f 'Fażi 1 u t-tfassil tar-rapport;

FAŻI 3: Jannar 2000 - Mejju 2000: it-twettiq tal-ħidmiet kontra l-ibbuljar fl-iskejjel magħżula;

FAŻI 4: Ġunju 2000: l-amministrazzjoni tal-kwestjonarji u l-iskedi ta' l-intervisti wara l-Proġett Pilota;

FAŻI 5: Awissu 2000: l-analiżi tat-taghrif miġbur f'Fażi 4 u l-preżentazzjoni tar-rapport finali.

# Ir-Riżultati Mistennija

Ikunu ntlaħqu l-għanijiet tal-Kumitat Ministerjali meta:

1. tkun tfasslet ' Il-Politika għall-Imġiba Tajba fl-Iskola' minn kull skola fil-Proġett Pilota;
2. ikunu twaqqfu u bdew jiffunzjonaw l-istrutturi meħtieġa kemm fl-iskejjel tal-Proġett Pilota kif ukoll fil-livell ċentrali;
3. ir-riżultat tar-riċerka jkun wera biċ-ċar li r-rata ta' l-inċidenza ta' l-ibbuljar tkun tnaqqset;
4. tkun seħħet bidla pożittiva fl-attitudni lejn il-problema ta' l-ibbuljar

# Appendi 1

# Appendiċi 1

# Il-Kumitat Ministerjali

# għall-Imġiba Tajba fl-Iskejjel

# Il-Kumitat Ministerjali għall-Imġiba tajba fl-Iskejjel

Il-Kumitat Ministerjali għall-Imġiba Tajba fl-Iskejjel twaqqaf fil-15 ta' Diċembru, 1997 u kien jissejjaħ l-Kumitat Ministerjali Kontra il- *'Bullying'* fl-Iskejjel.

| | | |
|---|---|---|
| Iċ-Ċerpersin | Is-Sur David Caruana | Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni |
| Il-membri | Is-Sur Frans Borg | L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Skolastiċi |
| | Dr Mark Borg | Id-Dipartiment tal-Psikoloġija, il-Fakultà ta' l-Edukazzjoni |
| | Is-Sa Carmen Buttigieg | *Education Welfare*, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni |
| | Is-Sur Lawrence Muscat | Personal and Social Development, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni |
| | Dr Tony Macelli | *Social Welfare Development Programme''* (is-*SWDP*), u wara il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni |
| | Is-Sa Mona Vella | Guidance and Couselling Services, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni |
| | Is-Sa Cynthia Zammit | Il- *"Malta Union of Teachers"* |
| Is-Segretarju | Is-Sur David Muscat | Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni |
| | WARA | |
| Is-Segretarju | Is-Sur Edmund Pace | Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni |

Fit-13 ta' Mejju, 1999, il-Kumitat reġa' twaqqaf fil-Ministeru preżenti ta' l-Edukazzjoni.

Il-Kumitat ħadem fuq diversi inizjattivi li ħafna minnhom jissemmew f'dan id-dokument, fosthom:

1. Il-Politika Nazzjonali;
2. Il-Pjan ta' l-Azzjoni;
3. Il-Proċeduri kif għandhom ikunu ittrattati l-każi ta' l-ibbuljar fl-iskejjel;
4. Il-Produzjoni ta' 'Anti-Bullying Multi-Media Pack' għall-għalliema tal-PSD;
5. Il-Proġett Pilota
6. Kors ta' Taħriġ dwar l-Ibbuljar fl-Iskejjel;
7. Studju Analitiku f'ħames skejjel - erbgħa f'Malta u waħda f' Għawdex.